

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar In-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ — Il-pożizzjoni tal-KESE

(2008/C 211/21)

Matul is-sessjoni plenarja li nżammet nhar is-26 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni dwar:

"In-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ — Il-pożizzjoni tal-KESE".

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-1 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Peel u l-ko-rapporteur kienet is-Sinjura Pichenot.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'101 voti favur, 6 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ġenerali

1.1 Il-Kumitat jilqa' l-affermazzjoni mill-ġdid tal-Kummissjoni dwar l-impenn ġenerali tagħha lejn il-liberalizzazzjoni multilaterali tal-kummerċ. Huwa jagħraf li l-għażla tal-KE li ddur lura lejn aġenda bilaterali hija dovuta għal nuqqas ta' progress fil-qasam ta' l-aġenda multilaterali.

1.2 Il-Kumitat jemmen li l-ftehimiet bilaterali għandhom jitqiesu bħala fatturi li huma kompatibbli mal-multilateraliżmu u li eventwalment ser issaħħu. Il-profiċit li jkun sar fuq livell bilaterali jista' jservi sabiex iqanqal il-proċess multilaterali. Kif tistqarr sewwa l-KE, ir-riżq jiddependi mill-kummerċ.

1.3 Madanakollu l-Kumitat jisħaq fuq il-bżonn ta' bidla kwalitattiva fl-approċċ lejn din is-sensiela ġdida ta' negozjati: li wieħed jirrepeti fuq livell bilaterali dawk il-politiki li ma kellhomx suċċess fuq livell multilaterali mhuwiex biżżejjed.

1.4 L-approċċ bilaterali jippermetti aktar rispettt lejn id-differenzi reġjonali u nazzjonali milli jippermettu l-ftehimiet multilaterali, li bilfors ikollhom isegwu aproċċ aktar ġenerali.

1.5 Għalhekk il-Kumitat jilqa' b'mod pożittiv id-deċiżjoni tad-DĠ Kummerċ li jfittex l-assistenza tal-Kumitat huwa u jitratta n-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ ta' l-UE hekk kif bassret il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha *L-Ewropa Globali* f'Ottubru 2006.

1.6 Il-Kumitat jafferma mill-ġdid l-għan fundamentali tiegħu li f'isem is-soċjetà ċivili Ewropea u bħala msieħeb sħiħ tal-Kummissjoni Ewropea, ikompli jżomm u jiżviluppa l-livell għoli ta' kooperazzjoni u sensibilizzazzjoni fil-ħidma futura tiegħu mal-Kummissjoni u ma' l-istituzzjonijiet ewlenin l-oħra ta' l-UE.

1.7 Il-Kumitat jilqa' din l-opportunità li jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li tassigura livell ogħla ta' monitoraġġ u trasparenza f'dawn in-negozjati u li testendi u tiżviluppa l-involvement tagħha mas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi u r-reġjuni tad-dinja li għandhom sehem fihom.

1.8 Il-Kumitat jemmen li l-istruttura tiegħu tippermettilu li jaqdi rwol attiv fil-qasam tal-monitoraġġ. L-esperjenza li għandu l-Kumitat b'mod partikolari, tippermettilu li jagħraf jidentifika msieħba potenzjali f'pajjiżi oħra.

1.9 Filwaqt li jinnota li f'dan il-każ il-Kummissjoni qiegħda tfitx il-fehma u l-kooperazzjoni ġenerali tiegħu fir-rigward tan-negozjati proposti, il-Kumitat jinnota wkoll il-firxa wiesgħa tal-punti u l-kwistjonijiet li ser ikopru dawn in-negozjati, li ħafna minnhom jissemmew f'din l-opinjoni. Il-Kumitat għalhekk jirakkomanda li fil-futur, l-opinjoni differenti, huwa janalizza f'aktar dettall uħud minn dawn il-kwistjonijiet speċifiċi per eżempju x-Xogħol Deċenti u l-aċċess għas-suq.

1.10 Il-Kumitat jilqa' b'mod partikolari l-fatt li l-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid temi soċjali u ambjentali u tagħraf li l-iżvilupp sostenibbli jinkludi konsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Madankollu l-Kumitat jinnota wkoll li ħafna mill-kwistjonijiet ekonomiċi li tqajmu jikkonċernaw lis-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jikkonċernaw il-moviment ħieles tan-nies.

1.11 Il-Kumitat jemmen li huwa importanti ħafna li approċċ bilaterali jkun ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali u universali, li jiffurmaw ukoll il-bażi li fuqha nbnew l-istandards ta' l-ILO. Il-Kumitat jemmen ukoll li x-Xogħol Deċenti, li jkun kemm aċċettabbli kif ukoll prattikabbli, għandu jinbena fuq standards bħal dawn.

2. Sfond — L-importanza tal-kummerċ

2.1 Il-kummerċ huwa verament il-qalba tar-relazzjonijiet internazzjonali. Il-pajjiżi jikkomunikaw bejniethom fuq diversi livelli, b'mod speċjali permezz ta':

— interazzjoni ġeopolitika u militari

— rabtiet kummerċjali u ekonomiċi

— korpi governattivi mhux vinkolanti: dawk permanenti bħad-WTO (l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ), in-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha, inklużi l-ILO (l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol), l-IMF (il-Fond Monetarju Internazzjonali) u l-Bank Dinji u l-korpi *ad hoc*, l-iktar dawk responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali u li jikkonċernaw l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Bidla fil-Klima (Rio, Kyoto), — li kollha jinbtu minn interessi globali komuni,

— rabtiet sportivi, kulturali u/jew storiċi, u

— kuntatti fil-livell tas-soċjetà ċivili — li għandhom importanza partikolari għal dan il-Kumitat.

Fost dawn il-mezzi ta' interazzjoni bejn il-pajjiżi, il-kummerċ huwa l-istrument li joffri l-aktar possibbiltajiet effettivi għall-ħolqien ta' netwerks ta' kuntatti serji u permanenti bejn il-pajjiżi u r-reġjuni globali li minnhom jistgħu faċilment jiżviluppaw kuntatti u rabtiet oħra.

2.2 Il-kummerċ u l-investment internazzjonali jmxexxu t-tkabbir ekonomiku Ewropew u d-dimensjoni esterna tal-kompetittività ta' l-UE. Kif tistqarr sewwa l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "L-Ewropa Globali", "għidna jiddependi mill-kummerċ". Huwa importanti li wieħed jinnota li filwaqt li f'diversi oqsma tar-relazzjonijiet internazzjonali, il-Kummissjoni tista' tħaddan biss aspirazzjonijiet politiki, fil-qasam tal-kummerċ hija għandha kompetenza sħiħa. Madanakollu, il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hija waħda problematika u jeħtieġ li filwaqt li n-negozjati jkomplu għaddejjin, din tkompli tiġi sorveljata.

2.3 L-inkoraġġiment tal-kummerċ, tariffi aktar baxxi u t-tneħħija ta' l-ostakli fl-oqsma tal-kummerċ u l-investment, huma kollha fatturi li jaqdu rwol importanti sabiex il-maġġoranza tal-poplu tasal biex taċċetta aħjar l-aspetti pożittivi tal-globalizzazzjoni. Il-qawwiet ekonomiċi l-ġodda bħaċ-Ċina, il-Brażil u l-Indja, li kollha ġew inklużi fl-istrateġija l-għidna tal-Kummissjoni, qegħdin jadottaw Prattiki kummerċjali anqas restrittivi u huma sinjal ta' kif il-globalizzazzjoni kull ma jmur qiegħda tiż-żied. Aktar kummerċ iġisfer aktar rabtiet ekonomiki li jssaħħu b'mod konsiderevoli r-relazzjonijiet kulturali u, b'rilevanza partikolari għall-KESE, il-kuntatti fil-livell tas-soċjetà ċivili. Ħafna jemmnu wkoll li dawn ir-rabtiet ser jippromovu u jqanqlu l-aċċettazzjoni u l-iżvilupp ta' l-aħjar Prattika fil-qasam tal-ħarsien ta' l-ambjent, il-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll l-iżvilupp ta' standards ogħla soċjali u ta' l-impjiegi. Peress li għad m'hemm x garanzija li dan ser ikun ir-riżultat, il-Kumitat jemmaen fil-bżonn ta' monitoraġġ serju bil-parteċipazzjoni diretta tas-soċjetà ċivili.

2.4 Il-Kumitat jagħti importanza kbira lir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u l-mekkaniżmi ta' segwitu għal dawk il-partijiet speċifiċi tal-ftehimiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp sostenibbli. Aħna nagħrfu l-fatt li djalogu bbażat fuq il-kooperazzjoni jqanqal kunfidenza fost l-imsieħba kkonċernati u hu l-uniku mod ta' kif wieħed għandu jindirizza l-kwistjonijiet sensitivi involuti.

2.5 Aħna nilqgħu l-fatt li l-mandat għan-negozjati tal-ftehimiet il-ġodda għabar fih il-linji gwida importanti, li jispeċifikaw li l-ftehimiet għandhom ifittxu li jippromovu rispettt lejn l-iżvilupp sostenibbli (b'mod speċjali lejn l-istandards soċjali u ambjentali). Il-mandat għandu jittqies fil-kuntest tal-kwistjonijiet globali bħall-bidla fil-klima, l-Għanijiet ta' żvilupp tal-Millennju, il-għieda kontra l-faqar u l-istandards tax-xogħol deċenti u tas-saħħa (b'mod partikolari fil-qasam ta' l-ikel).

2.6 Il-Kumitat jirrakkomanda li fost is-soċjetà ċivili, jerġa' jin-fetaħ id-idbattitu dwar il-preferenzi kollettivi li jirfdu l-bażi tal-mudell Ewropew ta' l-ekonomija soċjali tas-suq. Il-ftehimiet bilaterali għandhom juru biċ-ċar li l-Ewropa ser tibqa' tħaddan il-preferenzi kollettivi tagħha fejn jidħlu kwistjonijiet soċjali u fl-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel u ta' l-ambjent. Il-Kummissjoni saħqet fuq dan l-għan fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2007 (COM 581(2007)) fejn tistqarr li "Jeħtieġ li l-UE tiżgura li l-pajjiżi terzi joffru livelli proporzjonati ta' nuqqas ta' xkiel lill-esportaturi u l-investituri Ewropej u li jkollhom regoli bażiċi li ma jkollhom x effett negattiv fuq il-kapaċità tagħna li niproteġu l-interessi tagħna u li nħarsu l-istandards għall-prodotti għolja relatati mas-saħħa, is-sigurtà, l-ambjent u l-ħarsien tal-konsumatur."

2.7 Il-Kummissjoni ħabbret li mhix sa ddum ma tressaq proposti ġodda ta' kif wieħed għandu jindirizza dawn l-isfidi prinċipali, ibbażati dejjem fuq l-impenn ta' l-UE li tiftaħ is-swieq u tiżgura kompetizzjoni ġusta. Il-Kumitat jemmen għalhekk li l-ftehimiet bilaterali għandhom ikomplu mexjin 'il quddiem b'ċertu urġenza u bbażati fuq politika li għandha bħala l-oġettivi tagħha l-protezzjoni, il-ġustizzja u r-riċiproċità biex b'hekk tkun inħolqot tassew ġenerazzjoni għidna ta' ftehimiet.

3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa Globali" — Bidla importanti fil-politika tal-kummerċ ta' l-UE

3.1 Meta l-Kunsill tal-Ministri approva l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija" f'April 2007, seħħ avveniment globali importanti ħafna. B'seħem ta' 26 % fil-kummerċ dinji fil-qasam tas-servizzi u ta' 17.5 % fil-qasam tal-merkanzija, l-UE hija fost l-imsieħba kummerċjali ewlenin tad-dinja (EU25 — *statistika tal-KE għall-2005*). L-istrateġija proposta mill-Kummissjoni

3.2 Dan il-qafas għid irriżulta min-nuqqas ta' progress Prattiku fiċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp u għandu jintlaqa' bħala dikjarazzjoni ta' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li sseġwi aġenda favur il-liberalizzazzjoni. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għażlet li tenfasizza li l-intenzjoni ta' din l-aġenda mhix li tieħu post il-multilateraliżmu iżda li tippermetti li x-xogħol ikompli għaddej. Il-konklużjoni taċ-Ċiklu ta' Doha għadha neċessità politika u strateġika.

3.3 Madankollu, din il-Komunikazzjoni hija l-ewwel bidla li saret mill-1999 fid-direzzjoni tal-politika tal-kummerċ ta' l-UE. Il-Kumitat diġà laqa' (1) l-Komunikazzjoni u b'mod partikolari l-konferma li reġġet tat ta' l-impenn tal-Kummissjoni lejn l-iżvilupp tal-kummerċ u tar-rabta ta' l-UE mal-multilateraliżmu. Importanti li l-ftehimiet bilaterali ma jfixklux il-multilateraliżmu.

(1) Fl-opinjoni intitolata *L-isfidi u l-opportunitajiet għall-UE fil-kuntest tal-globalizzazzjoni*, Rapporteur: Henry Malosse, (RÈX/228 CESE 136/2007 fin), Mejju 2007.

3.4 Iżda għandhom ikunu ristretti li jipprovdu appoġġ lil-approċċ multilaterali. Huma għandhom jitqiesu bħala fatturi kompatibbli mal-multilateraliżmu u li eventwalment ser issaħ-huh. Il-Kumitat jemmen li l-qliġh li jkun sar b'mod bilaterali jista' jservi biex iqanqal il-proċess multilaterali u dan b'riżultat ta' diskussjonijiet aktar dettaljati u ta' allinjament eqreb tal-pożizzjonijiet li ġejjin minn approċċ bilaterali.

3.5 Il-Professur Patrick Messerlin semma l-komplessitajiet li jeżistu f'dan il-qasam b'mod ċar ^(?). Ir-riżorsi umani tant huma skarsi f'ċerti stati jew reġjuni żgħira li l-għażla bejn multilaterali jew bilaterali hija waħda kritika u importanti.

3.6 Għalhekk huwa importanti li l-Kummissjoni tinneogzja biss dawk l-FTAs (Ftehimiet tal-Kummerċ Ħieles) li ġie ppruvat li għandhom valur miżjud ġenwin. L-approċċ bilaterali huwa kapaċi jippermetti aktar rispettu lejn id-differenzi reġjonali u naz-zjonali milli jippermettu l-ftehimiet multilaterali li bilfors ikoll-hom isegwu approċċ aktar ġenerali. F'dan ir-rigward il-Kumitat jemmen li t-tliet kwistjonijiet prinċipali msejja "l-kwistjonijiet ta' Singapor" jiġifieri l-kompetizzjoni, l-investment u l-akkwist pubbliku għandhom jergġhu jiġu enfasizzati. Il-Kummissjoni beħsiebha tindirizzahom permezz tan-negożjati ta' l-FTA min-kejja li l-UE warrbet dawn il-kwistjonijiet min-negożjati tad-DDA (l-Aġenda ta' Doha għall-lżvilupp) f'Cancun.

3.7 Il-Kumitat jisħaq fuq il-bżonn ta' bidla kwalitattiva fl-approċċ lejn din is-sensiela ġdida ta' negożjati: li wieħed sempli-ċement jirrepeti fuq livell bilaterali dawk il-politiki li ma kell-homx suċċess fuq livell multilaterali mhuwiex biżżejjed.

3.8 L-UE għandha tapprezza wkoll li kull imsieħeb f'dawn in-negożjati ser ikun jixtieq jipproċedi b'mod u manjiera konformi mat-tradizzjonijiet tiegħu. Jeżistu differenzi kbar u f'diversi oqsma bejn l-approċċi ta' l-Ewropa u dawk ta' l-Ażja. Jeżistu dif-ferenzi kbar per eżempju bejn il-membri ta' l-ASEAN b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' żvilupp. L-UE ma tistax tes-tendi l-istandards tagħha mingħajr ma jkun sar negożjar.

4. Rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-futur ta' l-FTAs

4.1 Il-Kummissjoni stabbilixxiet sensiela ta' FTAs ewlenin u negożjati tal-kummerċ oħra kif ukoll sensiela ta' temi fil-qasam tan-negożji li jinkludu l-ostakli tekniċi u non-tariffarji u "l-kwist-jonijiet ta' Singapor" li tixtieq tippromovi u li permezz tagħhom qiegħda timmira li tiżviluppa u ssaħħaħ "l-aġenda għall-kompe-ttitività" tal-politika tal-kummerċ tagħha. In-negożjati għandhom ikunu mifruxa iżda hemm bżonn li l-ftehimiet jevitaw kontra-dizzjonijiet u standards li mhumix kompatibbli. Il-Kumitat ser jara li jkun qed jissegwew linji gwida ċari kemm fl-FTAs li ġej-jin kif ukoll matul in-negożjati li hemm ċans li jsegwu f'dawn l-oqsma:

4.2 **Ostakli tekniċi għall-kummerċ:** f'ħafna pajjiżi dawn qed ixekklu l-kummerċ u t-tkabbir ekonomiku bil-kbir u qed joħlqu aktar ostakli fl-aċċess għas-suq milli joħlqu l-ostakli

tariffarji (b'mod speċjali għaliex diversi pajjiżi fit-triq ta' l-iżvi-lupp naqqsu t-tariffi b'mod unilaterali sabiex jiżviluppaw il-kum-merċ u l-investment). In-nuqqas ta' qbil dwar l-istandards huwa komuni ħafna, b'mod partikolari fir-rigward l-istandards tas-saħħa tal-bniedem, ta' l-annimali u tal-pjanti. L-UE għandha wħud mill-ogħla standards tad-dinja li ħafna drabi huma inter-pretati bħala skuża għall-protezzjoniżmu. L-Unjoni għandha tkun disposta li ssaħħaħ il-qasam tat-taħriġ, tibni fuq il-kapaċi-ta-jiet disponibbli u tibni wkoll fuq is-suċċess li kellhom il-pro-grammi ta' Għajnuna Teknika Relatata mal-Kummerċ (TRTA).

4.3 **L-ostakli tariffarji** ser ikunu kwistjoni ewlenija tat-tliet negożjati prinċipali mal-Korea, l-Indja u l-ASEAN. L-Indja, b'mod partikolari, għandha tariffi għoljin ħafna rrinforzati b'dazji oħra bħad-Dazju Addizzjonali u d-Dazju Addizzjonali Straordinarju (*Additional Duty* u *Extra Additional Duty*) li flimkien jammontaw għal tariffa globali ta' 550 % għal ċerti prodotti. Fost il-pajjiżi ta' l-ASEAN teżisti l-problema tan-nuqqas ta' armo-nizzazzjoni, fejn qed jiġu applikati tariffi differenti u sistemi tad-dazju diskriminatorji ^(?).

4.4 Priorità prinċipali fuq l-aġenda tan-negożjati ser tkun it-tneħħija ta' l-ogħla numru possibbli ta' **ostakli non-tariffarji (NTBs)**. Il-problemi li jistgħu jinħolqu f'dan il-qasam ġejjin minn burokraziji eċċessivi, regolamentazzjoni lokali restrittiva, nuqqas ta' impjeg ieħor għall-uffiċjali superfluwi u saħansitra l-korruzz-joni. L-istimi tad-WTO juru li jeżistu NTBs fuq 93 % ta' l-importazzjonijiet mill-Indja meta per eżempju fil-Brażil ir-rata hija ta' 22 % ⁽⁴⁾. L-NTBs fil-pajjiżi ta' l-ASEAN huma għoljin ukoll u jvarjaw ħafna (per eżempju fl-Indonesja l-NTBs jolqtu lil 31 % ta' l-importazzjonijiet filwaqt li f'Singapor jolqtu biss lil 2 % minnhom). Fil-Korea jolqtu lil 25 %.

4.5 **Il-kriterji ekonomiċi għandhom jingħataw impor-tanza prijoritarja** — is-swieq attwali u futuri għandhom ikunu l-fatturi li jiddeterminaw il-futur ta' l-FTAs.

4.6 Il-ftehimiet għandhom jinkludu **l-prodotti u s-servizzi kollha** jiġifieri 90 % tal-kummerċ: l-Artikolu GATT XXIV jispe-ċifika li għandhom jiġu eliminati r-restrizzjonijiet bejn il-membri ta' l-FTA. Madanakollu ser ikun hemm bżonn li jsiru xi eċċez-zjonijiet b'mod partikolari fejn jidħlu l-livelli ta' sussistenza agri-kola. Din ir-restrizzjoni ma tistax tiġi applikata fil-qasam **tas-servizzi** fejn l-ogħla rata ta' inklużjoni possibbli ser tkun kwist-joni kritika. Hawnhekk qed nitkellmu fuq il-possibbiltà ta' akk-wisti kummerċjali u kwantifikabbli kbar għal kull imsieħeb invo-lut f'dawn il-ftehimiet. Il-moviment ħieles tal-kapital u tal-finanzi jaqdu rwol ċentrali sabiex kull imsieħeb ikun jista' jibbenefika bl-aħjar mod possibbli. Madanakollu, il-moviment ħieles tan-nies iqajjem problemi partikolari, b'mod speċjali skond "il-modalita-jiet" 3 u 4. Is-sejba ta' soluzzjoni Prattika ser tkun sfida kbira. Hawnhekk il-garanzija ta' l-aċċess liberu ta' Stat għall-professjo-nisti kkwalifikati ta' l-Istati l-oħra msieħba f'dawn il-ftehimiet, ser tkun sfida prinċipali. Is-soċjetà ċivili ser tkun trid issegwi

^(?) Patrick Messerlin: "Assessing the EC Trade Policy in Goods, European Centre for International Political Economy, 2007" (Jan Tumlir Policy Essay Nr. 01, 2007).

^(?) CBI Briefing Paper, Marzu 2007.

⁽⁴⁾ WTO Market aċċess: *Unfinished Business — Post Uruguay round Inventory*, 2003.

mill-qrib l-iżviluppi u l-implimentazzjoni li jsiru f'dan il-qasam. Filwaqt li nifhem li kull imsieħeb f'dawn in-negozjati ser ikollu qasam aktar sensitiv minn ieħor, jeħtieġ li l-ftehimiet kontradittorji jew li mhumiex kompatibbli ma' daww li diġà saru jiġu evitati għal kollox. Il-Kumitat jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda l-ħidma tagħha fuq nota pożittiva hekk kif sar fin-negozjati ta' Doha għall-kuntrarju ta' l-approċċ negattiv ta' l-Istati Uniti.

4.7 Jeħtieġ li l-UE tippromovi **d-dimensjoni internazzjonali tas-suq intern** sabiex thegħeġ żieda fl-integrazzjoni ekonomika dejjem jekk din tista' tkun ta' benefiċċju, bħal per eżempju fil-każ ta' l-istandards tal-kontabilità, sabiex, fost affarijiet oħra, jiġu assigurati kundizzjonijiet uniformi għall-imsieħba kollha.

4.8 L-FTAs jeħtieġu **klawżoli ta' salvagwardja, mekkaniżmu biex jissolva t-tilwim** u aġenda soċjali għall-monitoraġġ tal-proċess. Il-KESE jirrakkomanda li jitwaqqaf mekkaniżmu li permezz tiegħu tkun tista' tinstab soluzzjoni rapida għall-problemi non-tariffarji. **Dan ikun mekkaniżmu bilaterali maħluq biex iwassal għall-ftehim permezz ta' sistema flessibbli. L-Unjoni Ewropea diġà kisbet xi esperjenza f'dan il-qasam, permezz tan-netwerk intern "Solvit".** Il-KESE diġà indirizza l-kwistjoni tal-monitoraġġ ta' aġenda soċjali bħal din fil-kuntest tal-ftehimiet bilaterali u ppropona t-twaqqif ta' "osservatorji bilaterali konġunti" ⁽⁵⁾.

5. Rakkomandazzjonijiet għall-ftehimiet kummerċjali tal-futur: l-aspetti soċjali u ambjentali ⁽⁶⁾

5.1 Il-Kumitat b'mod partikolari jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni tirreferi għall-importanza tal-Ġustizzja Soċjali meta tistqarr li għandna "nirrikonoxxu wkoll l-impatti tal-ftuħ tas-swieq għal ċerti reġjuni u ħaddiema, partikolarment daww anqas kwalifikati". Hija tenfasizza wkoll it-theddida tal-bidla fil-klima u f'dan il-kuntest tirreferi b'mod partikolari għall-enerġija u l-bijodiversità.

5.2 Fis-sensjela ta' negozjati ma' l-Urugwaj, il-Kummissjoni appoġġat klawżola soċjali għall-kummerċ dinji. Madanakollu din l-idea ma ntlagħhatx mill-pajjiżi fit-triq ta' l-iżvilupp, li interpretaw kondizzjonalità bħal din bħala skuża għall-protezzjoniżmu, u għalhekk kellha titwarrab.

5.3 Madanakollu fl-UE baqgħet tippersisti l-biża' "mid-dumping soċjali" jiġifieri minn pagi u minn spejjeż soċjali ferm baxxi sabiex tinholq kompetizzjoni "inġusta". Il-KESE ⁽⁷⁾ huwa tal-fehma li ż-żoni ħielsa ta' daww il-pajjiżi li huma involuti f'dawn in-negozjati bilaterali, għall-ebda raġuni ma jistgħu joperaw barra mil-limiti (ta' natura soċjali u ambjentali) stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn huma każijiet ġenwini ta' dumping soċjali u ambjentali. Il-ftehimiet għandhom jiggarrantixxu li l-ebda negozju ma jistipula objettivi, permezz ta' kuntratti lil

terzi persuni, b'livelli aktar baxxi minn daww imwaqqfa mil-leġislazzjoni nazzjonali jew mill-konvenzjonijiet fundamentali ta' l-ILO.

5.4 In-negozjati bilaterali kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-qafas ta' l-impenji prinċipali internazzjonali: id-dikjarazzjoni ta' l-ILO ta' l-1998, is-Summit dwar l-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-2005, l-impenji li saru fil-qafas ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju għall-ġlieda kontra l-faqar u d-dikjarazzjoni ministerjali ta' l-2006 dwar ix-xogħol deċenti.

5.5 Minkejja l-punti sensitivi li tqajmu u n-nuqqas ta' progress li kien hemm, li rriżultaw minn approċċ multilaterali lejn din l-aġenda soċjali, permezz tad-WTO, il-Kumitat ihegħeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra approċċ bilaterali. Kif intqal diġà, permezz ta' approċċ bilaterali, il-Kummissjoni għandha tikseb l-għanijiet tagħha b'mod aktar effettiv għax approċċ bilaterali jassigura djalogu li jirrispetta d-differenzi kulturali fil-kuntest ta' l-iżvilupp.

5.6 In-numru ta' ċittadini Ewropej li huma mħassba dwar il-futur ta' l-Ewropa f'dinja globalizzata kulma jmur qiegħed jiżdied. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni qed tftitex li tiddefinixxi "l-interess Ewropew" kif wera r-rapport sommarju ta' Diċembru 2007 dwar l-Istrateġija ta' Lisbona. Il-Kummissjoni tenfasizza d-dimensjoni esterna ⁽⁸⁾ u tagħraf il-bżonn dejjem jikber li jiġu assigurati kundizzjonijiet ugwali fil-livell internazzjonali.

Sabiex issaħħaħ id-dimensjoni esterna ta' l-Istrateġija ta' Lisbona b'kunsiderazzjoni tad-difiża kif ukoll il-ftuħ leġittimu ta' l-interess Ewropew, il-Kummissjoni qablet li d-djalogu mal-pajjiżi terzi għandu jiżdied u jiġi razzjonalizzat u li għandhom jiġu enfasizzati kwistjonijiet ta' interess reċiproku bħall-aċċess għas-suq, il-konverġenza regolatorja, il-migrazzjoni u l-bidla fil-klima. Kull sena ser tadotta rapport wieħed dwar l-aċċess għas-suq fejn isemmi daww il-pajjiżi u s-setturi li għadhom qed jiffaċċjaw ostakli kbar. Il-Kumitat jixtieq li s-soċjetà ċivili u l-imsieħba l-oħra tas-soċjetà jiġu involuti f'dan il-proċess u jemmen li permezz t'hekk il-politiki ta' l-Unjoni dwar il-kummerċ, ir-relazzjonijiet esterni u l-ġhajuna għall-iżvilupp ikunu qed jingħataw aktar viżibilità u koerenza.

5.7 Fil-preżent immedjat u b'kunsiderazzjoni tan-negozjati attwali dwar il-kummerċ, il-Kumitat jemmen li s-27 konvenzjoni li jagħmlu parti mis-sistema GSP Plus, jipproduvu bażi għall-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli (id-drittijiet soċjali, ambjentali u umani u l-aspetti ta' gvernanza). L-għan għandu jkun li din il-baży ssir punt komuni ta' referenza. Ir-ratiffika, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn is-27 konvenzjoni internazzjonali għandhom jiffurmaw il-baży minima tad-diskussjoni dwar il-kapitolu ta' l-iżvilupp sostenibbli, fin-negozjati attwali mal-pajjiżi ta' l-ASEAN.

⁽⁵⁾ Ara REX/182 — Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.

⁽⁶⁾ Opinjoni dwar L-isfidi u l-oportunitajiet għall-UE fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, rapporteur: Is-Sur Malosse, 31 ta' Mejju 2007.

⁽⁷⁾ Ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, Evelyn Pichenot, Diċembru 2006.

⁽⁸⁾ Komunikkazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007, valutazzjoni u sommarju dwar l-Istrateġija ta' Lisbona.

5.8 Fid-dawl tad-diversi livelli differenti ta' żvilupp fost il-pajjiżi Ażjatiċi u l-kapaċità istituzzjonali tagħhom li jimplimentaw dawn il-konvenzjonijiet b'mod effettiv, il-Kumitat jirrakkomanda li din il-kundizzjoni tiġi eżaminata każ b'każ u li kull pajjiż jingħata l-għajnuna finanzjarja li jeħtieġ sabiex ikun jista' jlaħħaq ma' l-esiġenzi involuti. Fil-kuntest tal-pajjiżi li huma aktar żviluppati, bħall-Korea t'Isfel, din il-bażi hija biss il-bidu li jista' jwassal biex jittieħdu impenji aktar konsistenti fil-futur.

5.9 Għalhekk il-ftehimiet tal-kummerċ ħieles għandhom jissaħħu permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni li joffru l-assistenza finanzjarja meħtieġa sabiex jintlaħqu l-istandards internazzjonali. Impenn finanzjarju ta' dan il-livell ser jinfluwenza sew ir-rekwiżiti mitluba b'mod partikolari fil-qasam ambjentali. Jekk l-assistenza teknika tiġi abbinata mar-riżultati ta' l-implimentazzjoni ta' uħud mill-konvenzjonijiet, hija ser tkun aktar effettiva. Permezz ta' l-għajnuna finanzjarja jista' jseħħ monitoraġġ ta' l-impenji li jagħti spinta lill-progress soċjali.

5.10 L-assistenza teknika ser twassal sabiex jitwaqqfu jew jissaħħu l-korpi lokali jew reġjonali li jħarsu l-implimentazzjoni (eż. spezzjonijiet fuq ix-xogħol, aġenzija għall-użu tal-pestiċidi, eċċ.). Il-Kumitat jemmen b'mod partikolari fil-bżonn li l-mekkaniżmi bilaterali tal-monitoraġġ isiru r-responsabbiltà tal-korpi reġjonali u lokali u li dawn jingħataw il-kapaċità li jissorveljaw il-produtturi tat-territorju kkonċernat u li jimponu s-sanzonijiet fil-każ ta' ksur tal-liġi. Aċċess ġenwin għall-akkwist pubbliku jirrikjedi parteċipazzjoni akbar ta' l-awtoritajiet territorjali fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni.

5.11 Il-Kumitat jitlob li l-valutazzjonijiet ta' l-impatt fl-oqsma soċjali u ambjentali ta' kull pajjiż, ikunu disponibbli sa mill-fażijiet inizjali tan-negożjati sabiex in-negożjaturi jkollhom idea obġettiva u ġenerali tal-possibbiltajiet u d-diffikultajiet li jiġi stabbilit impenn realistiku mal-pajjiż ikkonċernat. Ikun aħjar li l-proċess tan-negożjati jsir aktar bil-mod biex ikun jista' jinkiseb riżultat tajjeb u jsir b'kunsiderazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' l-impatt li għaddejjin bħalissa li ser jagħtu l-kapaċità lis-soċjetà ċivili li tanalizza l-iżviluppi b'mod trasparenti għall-aħħar u l-għajnuna finanzjarja meħtieġa sabiex jintlaħqu l-aħjar objettivi soċjali u ambjentali.

5.12 F'ħafna pajjiżi, it-tnaqqis tat-tariffi tad-dwana jfisser telf fir-riżorsi finanzjarji allokat għas-servizzi pubbliċi. Din hija sitwazzjoni kumplessa li jeħtieġ li tiġi eżaminata aħjar. Għalhekk dawn il-ftehimiet tal-kummerċ ħieles m'għandhom jinkludu l-ebda proposti jew miżuri li ser iħallu effett fuq it-tħaddim tas-servizzi pubbliċi.

6. Approċċ dinamiku lejn ix-xogħol deċenti fil-ftehimiet kummerċjali ta' l-Unjoni

6.1 Il-Kumitat jemmen li x-xogħol deċenti, kif imfisser mill-ILO għandu jsir punt ta' referenza prijoritarju fil-kummerċ Ewropew u globali. Hawnekk qed nitkellmu fuq kunċett

li huwa rrikonoxxut fuq livell internazzjonali minn dawk li jħaddmu, mill-istati u mill-ħaddiema. Il-garanzija ta' xogħol deċenti li tiġbor fiha wkoll l-impjeg, ir-rispett lejn id-drittijiet tal-ħaddiema, id-djalogu soċjali u l-protezzjoni soċjali, hija kruċjali għall-ġlieda kontra l-faqar u għall-ksib tal-progress globali ⁽⁹⁾.

6.2 Il-kumitati inkarigati mill-monitoraġġ tal-ftehim tal-kummerċ ħieles għandhom jipprovdut appoġġ għall-proċeduri ta' djalogu eżistenti, b'mod speċjali f'dawk il-każijiet fejn sħubija jew ftehim ta' assoċjazzjoni ħolqu struttura għal djalogu dwar "l-impjeg u l-affarijiet soċjali".

6.3 Il-Kumitat jikkunsidra li l-progress fil-qasam ta' l-istandards soċjali għandu jagħmel parti mill-approċċ ta' żvilupp sostenibbli li ġie stipulat fil-mandat. Fl-1996 ġie stabbilit li l-ħidma konġunta ta' l-ILO u d-WTO kellha bżonn tissaħħaħ. Dan wassal biex fl-2007 sar rapport konġunt dwar il-kummerċ u l-impjeg. Il-ħidma ser tkompli għaddeja fil-forma ta' studju dwar is-settur "informali". Il-Kumitat jirrakkomanda lill-UE li tikkunsidra l-interventi ta' l-ILO fil-livell reġjonali, hija u teżamina l-impatt ta' l-integrazzjoni tal-kummerċ fuq ix-xogħol deċenti u fuq it-tfassil tal-politiki tax-xogħol, tal-protezzjoni soċjali u ta' l-istandards tax-xogħol. Il-Kumitat jixtieq jiġbed l-attenzjoni tan-negożjaturi lejn l-importanza li jitwaqqfu indikaturi li huma kompatibbli ma' l-aġenda tax-xogħol deċenti.

6.4 Fl-istadju attwali tan-negożjati, il-Kumitat jemmen li tinħtieġ ir-ratiffika u l-implimentazzjoni tat-tmien konvenzjonijiet bażiċi ⁽¹⁰⁾ (soġġetti għal verifikazzjoni minn grupp ta' ħidma konġunt tad-WTO u l-ILO), u jsejjaħ ukoll għall-kunsiderazzjoni ta' l-erba' konvenzjonijiet prijoritarji l-oħra dwar is-saħħa u s-sigurtà u l-ispezzjonijiet tax-xogħol. Huwa jitlob ir-ratiffika ta' l-akbar numru possibbli ta' konvenzjonijiet li huma rilevanti għall-pajjiż kkonċernati, dejjem skond il-prinċipju tad-differenzjazzjoni.

6.5 Il-Kumitat jirrakkomanda li n-negożjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ jiġu akkumpanjati mill-introduzzjoni ta' programmi nazzjonali tax-xogħol deċenti. Huwa jħeġġeġ lill-pajjiżi kkonċernati ta' l-ASEAN sabiex jitolbu l-għajnuna ta' l-ILO biex iwettqu dijanjosi tripartitika u biex iħaffu r-rikonoxximent ta' dan il-pjan mill-istituzzjonijiet internazzjonali kollha. Il-Kumitat jixtieq li l-kwistjoni tan-negożjati bilaterali tkun tagħmel parti mill-komunikazzjoni ta' segwitu dwar ix-xogħol deċenti, ipplanata għall-2008.

6.6 Il-Kumitat jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jipprovdut l-għajnuna finanzjarja u d-donazzjonijiet tagħhom fl-istadju li jmiss tal-monitoraġġ tal-ftehimiet sabiex tiġi meġhuna l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tax-xogħol deċenti. Fir-rapporti annwali tagħha għal kull pajjiż, l-UE għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-eżerċizzju tad-drittijiet tat-trade unions u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għall-istandards tax-xogħol ta' l-ILO.

⁽⁹⁾ Opinjoni dwar *Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni*, rapporteurs: Is-Sur Etty u s-Sinjura Hornung-Draus.

⁽¹⁰⁾ Tabella dwar il-progress tar-ratiffiki fl-Asja fl-appendiċi.

6.7 Dwar il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, il-Kumitat jemmen li l-imsieħba soċjali fil-livelli reġjonali u lokali għandhom jiġi ħeġġu jagħtu l-kontribut tagħhom fl-evalwazzjonijiet ta' l-impatt. Huwa jissuġġerixxi li jitwaqqfu strutturi settorjali għall-analiżi dettaljata tad-diffikultajiet speċifiċi li ġejjin minn kull settur.

7. Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) — u l-infurzar tagħhom

7.1 Il-Kumitat jilqa' l-enfasi li għamlet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni fuq it-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz tal-mezzi msemmija b'mod partikolari billi toffri għajjnuna lill-SMEs u operatori oħrajn li huma involuti f'kummerċ ma' l-ekonomiji l-ġodda. Sabiex l-UE tkun tista' tilħaq l-għan tagħha li tnaqqas il-ksur ta' l-IPR u l-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija falza, hemm bżonn li tiżviluppa strateġija għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u għat-tisħiħ ta' l-attività ta' l-infurzar. L-infurzar huwa importanti ħafna f'dan il-kuntest. Jeħtieġ l-implimentazzjoni tal-ftehim TRIPs mill-imsieħba ta' l-FTA. Hija u tikkonkludi l-ftehimiet, l-UE għandha tikseb l-impenn sħiħ tal-pajjiżi għall-infurzar konkret tal-leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-IPR flimkien ma' kontroll suffiċjenti u valutazzjoni tar-riżultati miksuba, aktar milli taħdem għal ftehimiet kompletament ġodda. Il-kapaċità u l-ħila ta' l-UE fil-qasam tar-Riċerka u l-Iżvilupp li tant ġie enfasizzat fl-istrateġija ta' Lisbona, huma fatturi importanti għall-kompetittività ta' l-Ewropa f'dinja fejn l-akbar sfida ekonomika kull ma jmur dejjem aktar sa tkun ġejja minn barra l-Ewropa.

7.2 Fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni, il-Kumitat iħeġġeġ lin-negozjaturi, b'mod partikolari l-Indja, li jiddiskutu l-miżuri għall-ħarsien tal-konsumaturi mir-riskji assoċjati mal-falsifikazzjoni. Is-segwitu tal-ftehim għandu jinkludi kumitat konġunt UE-Indja dwar il-falsifikazzjoni (kif sar maċ-Ċina) ⁽¹⁾.

7.3 L-Indja hija involuta fil-proċess ta' Heiligerdamm (li tnieda f'Ġunju 2007) bejn il-pajjiżi tal-G8 u l-ħames ekonomiji l-ġodda, sabiex jinholq djalogo strutturat dwar il-promozzjoni ta' l-innovazzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Ikun utli għan-negozjati bilaterali għalhekk, li s-soċjetà ċivili tikkunsidra l-monitoraġġ ta' dan il-proċess.

8. Ir-regoli ta' l-oriġini

8.1 Għandu jingħata permess għall-akkumulazzjoni ta' l-oriġini bejn l-imsieħba li magħhom l-UE daħlet fi ftehim tal-Kummerċ Ħieles (FTA). Ir-regoli ta' l-oriġini għandhom jiġu armonizzati sabiex jiġi ħaffef il-kummerċ ma' l-imsieħba tagħna fl-FTA. In-nuqqas ta' akkumulazzjoni u differenzi bejn ir-regoli ta' l-oriġini għall-kummerċ multilaterali ("regoli mhux preferenzjali") u għaż-żoni tal-kummerċ ħieles ("regoli preferenzjali") jimponu diffikultajiet fuq l-operaturi ekonomiċi meta dawn jiġu biex japprofitaw mit-tariffi aktar baxxi ta' l-FTAs. Illum il-ġurnata, ħafna mill-importaturi Ewropej jippreferu jħallsu d-dazju mhux preferenzjali milli d-dazju irħas ta' l-FTA, sabiex jevitaw il-multi li jistgħu jeħlu talli jkunu aċċettaw ċertifikati ta' l-oriġini dubjużi. F'każijiet bħal dawn, l-FTAs mhumieq qed iservu l-għan tagħhom li jespandu l-kummerċ.

⁽¹⁾ Irreferi wkoll għall-Opinjoni intitolata "Id-diverzi miżuri politiċi, li jmorru lil hinn minn finanzjament adegwat, għall-iżvilupp ta' l-SMEs". Rapporteur: Is-Sur Cappellini.

9. Is-swieq ta' l-akkwist tal-gvern u r-regoli ta' l-investment u l-kompetizzjoni fil-pajjiżi terzi

9.1 Il-Kumitat jinsab imħasseb dwar id-DDA u dwar kemm issa huwa ż-żmien opportun li fih jiġu introdotti "l-kwistjonijiet ta' Singapor". Madanakollu huwa jilqa' l-proposti dettaljati tal-Kummissjoni għall-ftuħ tas-swieq ta' l-akkwist pubbliku (li kull ma jmur aktar qiegħed jissejjaħ l-akkwist tal-gvern) fil-pajjiżi terzi, ir-regoli ta' l-investment, il-kompetizzjoni u l-għajjnuna statali, minħabba r-restrizzjonijiet li japplikaw l-imsieħba kummerċjali prinċipali ta' l-UE. Kif intqal diġà, biex FTA verament ikun jagħmel sens jeħtieġ li jitqies bħala wieħed li jħalli valur miżjud.

9.2 Il-Kumitat jinnota li fil-qasam ta' l-akkwist tal-gvern jeżisti grupp ta' ħidma tad-WTO li jippermetti lil dawg il-pajjiżi ta' l-istess fehma li jagħmlu progress konsenswali fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku taħt id-WTO. B'hekk ikun qiegħed jiġi ħaffef il-pass mingħajr ma ssir pressjoni fuq il-pajjiżi biex jikkommettu ruħhom aktar milli jifilħu. Wieħed jista' jagħmel użu minn sistema bħal din għall-ftehimiet bilaterali wkoll.

9.3 Kif stqarret il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha *L-Ewropa Globali*, l-akkwist tal-gvern huwa "qasam ta' potenzjal sinifikanti li għadu mhux sfruttat għall-esportaturi ta' l-UE." Dan il-qasam huwa importanti ħafna għall-esportaturi ta' l-UE fid-diversi setturi tas-swieq il-ġodda. B'kunsiderazzjoni ta' l-eżempju ta' l-FTA bejn l-UE u ċ-Ċili, il-Kumitat jemmen li l-istandards stabbiliti mill-ftehim dwar l-Akkwist tal-Gvern (GPA) ta' l-1994 għandhom ikunu l-istandards minimi tal-ftehimiet ukoll. Fejn meħtieġ, l-UE għandha toffri assistenza teknika jew għajjnuna oħra għat-tisħiħ tal-kapaċità (*capacity building*) lill-partijiet ikkonċernati sabiex tgħinjom jikkonformaw mal-ftehim. Nixtiequ niġbdu attenzjoni lejn il-fatt li l-Istati Uniti, fin-negozjati tagħha, wriet biċ-ċar li tixtieq tikseb dan l-għan. Aħna nilqgħu il-garanzija li tat il-Kummissjoni li dan huwa l-għan ta' l-UE wkoll. M'għandna l-ebda illużjoni falza li l-ksib ta' dan l-oġettiv ser ikun wieħed faċli, b'mod partikolari fl-Indja fejn il-kompetenza taqa' taħt il-livell statali u mhux federali.

9.4 Huwa importanti li jittejb'u l-kundizzjonijiet ta' l-investment fil-pajjiżi terzi sabiex ikun jista' jseħħ it-tkabbir kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi benefiċjarji. Numru kbir, jekk mhux il-maġġoranza ta' l-imsieħba kummerċjali ta' l-UE jżommu livell għoli ta' protezzjoni mill-investment barrani dirett. Dan jagħmlu permezz ta' sistemi diskriminatorji u regoli ta' awtorizzazzjoni li jinvolvu spejjeż amministrattivi u/jew burokratiċi kbar. Barra minn hekk jeżistu wisq setturi li għalihom jew għal partijiet sostanzjali tagħhom, l-investment Ewropew m'għandu l-ebda aċċess, b'mod partikolari s-settur tas-servizzi (banek, finanzi, assigurazzjoni, u trasport). L-għan prinċipali ta' dawn in-negozjati ser ikun it-tneħħija tar-restrizzjonijiet li mhumieq neċessarji u l-assigurazzjoni li n-negozjati u l-proċessi stabbiliti jkunu kompletament trasparenti u li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni min-naħa ta' imsieħeb fl-FTA tkun ġusta, rapida u effiċjenti. Il-Kumitat jinnota li l-mudell ta' l-FTA li tuża l-Istati Uniti fin-negozjati tagħha jagħmel użu minn approċċ komprensiv li jiġbor fih ukoll il-ħarsien ta' l-investituri.

9.5 Aħna nilqgħu x-xewqa ta' l-UE li fin-negozjati ta' l-FTA tinkludi xi dispożizzjonijiet dwar **il-kompetizzjoni**. Ħafna drabi l-investment u l-kummerċ ma jkunux faċli minħabba n-nuqqas ta' sistemi adegwati ta' kompetizzjoni fil-pajjiżi kkonċernati. Dan in-nuqqas ifixkel il-kummerċ globali. L-ostakli fil-flussi ta' l-investment ħafna drabi huma kkawżati minn distorsjonijiet fis-suq ikkaġunati min-nuqqas ta' kompetizzjoni (jew min-nuqqas gravi ta' implimentazzjoni tar-regoli). Dawn huma l-kwistjonijiet fundamentali ta' gvernanza globali. Kemm il-ftehim ma' l-Afrika t'Isfel kif ukoll il-ftehim ma' Ċili jipprovdu għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtorità lokali li għandha l-kompetizzjoni fidejha. Il-Kummissjoni għandha tinkludi dispożizzjonijiet bħal dawn fl-FTAs. Dan ser ikun pass diffiċli (possibbilment bl-eċċezzjoni tal-Korea t'Isfel).

9.6 Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni enfasizzat mill-ġdid **l-istrateġija għall-aċċess għas-suq**, flimkien ma' l-impenn tal-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'pajjiżi ewlenin u t-twaqqif ta' prijoritajiet ċari fir-rigward tat-tneħħija ta' l-ostakli non-tariffarji u oħrajn kummerċjali f'pajjiżi prijoritarji.

9.7 Il-Kumitat jinnota li attwalment għaddeja r-reviżjoni ta' **l-istrumenti ta' difiża kummerċjali ta' l-UE**. Il-Kumitat jemen li l-istrumenti ta' difiża kummerċjali ta' l-UE għandhom ikompli jaqdu rwol protettiv anke fi ħdan il-ftehimiet bilaterali (il-miżuri ta' kontra d-dumping, ta' kontra s-sussidji u ta' salvagward).

10. Il-faċilitazzjoni tal-kummerċ

10.1 Ir-raba' "kwistjoni ta' Singapor", li ssemmiet fil-Komunikazzjoni, għadha tagħmel parti integrali mill-aġenda ta' Doha. L-abbozz tat-test tad-WTO dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ dal-waqt ser jiġi adottat. Permezz ta' dan ser jitwaqqfu standards prinċipali għall-ġestjoni tal-fruntieri u tad-dwana fil-kummerċ dinji u b'hekk ser jitnaqqas ir-riskju ta' interventi għalgħarrieda min-naħa tal-gvern. Ftehim bħal dan għandu jinkludi proċeduri rapidi u semplifikati għall-ħruġ tal-merkanzija mid-dwana, il-proċeduri ta' rikors u l-appell legali, il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tal-kummerċ, it-tnaqqis kemm jista' jkun tal-miżati u l-ħlasijiet u fuq kollox it-twaqqif ta' punt ta' referenza uniku (*single window*) permezz ta' l-użu tat-teknoloġija għall-proċeduri tad-dwana. B'hekk jonqsu x-xogħol doppju, l-ispejjeż u l-ħin involuti b'mod partikolari fil-każijiet fejn id-diversi dipartimenti tal-gvern ikunu qed jitolbu bejn wieħed u ieħor l-istess informazzjoni. Dan għandu jgħallieq importanza partikolari fin-negozjati ma' l-Indja. Skond il-Bank Dinji ⁽¹²⁾, l-esportazzjoni tal-merkanzija mill-Indja tieħu għaxart ijiem (seba' mill-Brażil) filwaqt li l-importazzjoni mill-Indja tieħu medja ta' 41 ġurnata (kontra l-24 mill-Brażil). Ta' min jinnota wkoll id-differenza vasta li teżisti bejn il-membri ta' l-ASEAN, b'mod partikolari bejn Singapor u t-Tajlandja. Inħeġġu lill-Kummissjoni sabiex tagħmel l-almu kollu tagħha sabiex tikseb ftehim bħal dan anki jekk in-negozjati tad-DDA jeħlu totalment. Ftehim bħal dan għandu jwassal għal standards ogħla u għal proċeduri eħfef, irħas u aktar effiċjenti mal-fruntieri u fid-dwana.

10.2 L-ewwel fost dawk li jibbenefikaw minn ftehim bħal dan ikunu l-pajjiżi mingħajr kosta. Proċeduri trasparenti u tek-

noloġiċi jeliminaw it-telf u d-dewmien involuti waqt li l-merkanzija tkun għaddeja minn pajjiżi terzi fi triqitha lejn jew lil hinn minn port.

10.3 In-negozji ż-żgħar huma l-aktar esposti għall-ispejjeż kummerċjali tad-dwana u ħafna drabi ma jkollhomx il-massa kritika neċessarja (f'termini ta' l-ekonomiji ta' l-iskala, l-ammont ta' bejgħ, in-networks ta' distribuzzjoni, il-faċilitajiet ta' trasport, eċċ.) sabiex ikopru spejjeż tad-dwana għoljin ġejjin minn dewmien amministrattiv, il-korruzzjoni u fatturi oħra, b'riżultat li jitilfu swieq potenzjali. L-SMEs ta' l-UE wkoll ser jibbenefikaw minn ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Fuq perijodu qasir, l-SMEs jistgħu jiggwadannjaw aktar minn ftehim ambizzjuż dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ milli minn tnaqqis fit-tariffi.

10.4 Irrispettivament mill-progress li jsir fin-negozjati ta' Doha, il-Kumitat jemen li għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq in-negozjati ta' l-FTA dwar il-faċilitazzjoni tal-Kummerċ kif ukoll fuq it-tliet Kwistjonijiet l-oħra ta' Singapor.

10.5 Il-Kumitat jinnota s-suċċess tal-programmi ta' Għajnuna Teknika Relatata mal-Kummerċ (TRTA) tal-Kummissjoni, li taw kontribut siewi sabiex dawk il-pajjiżi fit-triq ta' l-iżvilupp jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jlaħħqu ma' l-esiġenzi tas-sħubija fid-WTO, l-esiġenzi mitluba minnhom bħala esportaturi tal-merkanzija u s-servizzi lejn l-UE, u bħala benefiċjarji ta' investimenti ta' l-UE. Programmi bħal dawn jistgħu jagħmlu użu mill-għarfien tekniku ta' korpi internazzjonali oħra tan-Nazzjonijiet Uniti (eż. l-UNIDO, il-WIPO u l-ITC) li huma kapaċi jsaħħu l-profil ta' l-UE u jwasslu għal aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet internazzjonali. Dan l-aspett ser jikseb sinifikat akbar meta jiġu biex jinvolvu ruħhom aktar il-membri l-anqas żviluppati ta' l-ASEAN u huwa importanti ħafna għall-progress ta' l-Amerika Latina.

11. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili

11.1 Il-Kumitat jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tassigura livell akbar ta' monitoraġġ u trasparenza fin-negozjati u li testendi u tiżviluppa l-kollaborazzjoni tagħha mas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi u r-reġjuni tad-dinja li għandhom sehem f'dawn in-negozjati. L-istruttura tal-Kumitat tippermettilu li jaqdi rwol attiv fil-qasam tal-monitoraġġ, filwaqt li l-esperjenza li għandu tippermettilu li jagħraf jidentifika l-imsieħba potenzjali fil-pajjiżi terzi. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili issaħħaħ ukoll ir-rwol li din taqdi f'pajjiżha stess.

11.2 Fil-kuntest tan-negozjati tal-Ftehim tas-Sħubija Ekonomika (EPA) u skond il-Ftehim ta' Cotonou, il-Kumitat għandu l-mandat li jorganizza konsultazzjonijiet u laqgħat mal-gruppi ta' interess ekonomiku u soċjali ta' l-ACP u sa mill-2003, skond it-talba tal-Kummissarju tal-Kummerċ li kien fil-kariga dak iż-żmien (is-Sur Lamy), jitlob minnu wkoll il-monitoraġġ tan-negozjati. Bil-parteċipazzjoni tan-negozjaturi tal-KE, impenn bħal dan irriżulta f'żewġ laqgħat fis-sena tal-Kumitat ta' Segwitu ta' l-ACP-UE, seminars reġjonali darba jew darbtejn fis-sena u konferenzi ġenerali bil-parteċipazzjoni ta' delegati mill-pajjiżi ta'

⁽¹²⁾ Il-Bank Dinji, *Doing Business* 2007; Settembru 2006.

l-ACP kollha fi Brussell. B'riżultat tal-konsultazzjonijiet, l-EPA tal-Karibew jiġbor fih kapitolu soċjali u ambjentali u l-ħolqien ta' Kumitat Konsultattiv tas-soċjetà ċivili responsabbli għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-EPA u għall-analiżi mill-ġdid ta' l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali kollha tiegħu.

11.3 Fir-rigward tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni proposti ma' l-Amerika Ċentrali u r-reġjuni ta' l-Andina, ilu jeżisti djalogu regolari mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata ta' l-Amerika Latina u tal-Karibew sa mill-1999. Il-ħames laqgħa fi ħdan dan id-djalogu mistennija ssir f'April 2008. L-għan ta' dan id-djalogu huwa li jassigura li jingħata l-kontribut tas-soċjetà ċivili fis-summit UE-Amerika Latina li jsir kull sentejn. Il-Kumitat għandu kuntatti estensivi mal-Forum Ekonomiku u Soċjali tal-Mercosur, il-Kunsill Konsultattiv Andin għax-Xogħol, il-Kumitat Konsultattiv Andin għall-Kummerċ, il-Kumitat Konsultattiv tas-soċjetà ċivili għas-Sistema ta' Integrazzjoni ta' l-Amerika Ċentrali.

11.4 Il-Kumitat jipparteċipa wkoll fir-round tables ta' l-UE u l-Indja u l-UE u ċ-Ċina fejn jiffurma d-delegazzjoni ta' l-UE. Ir-round table ta' l-UE u l-Indja twaqqfet fl-2001 filwaqt li dik ta' l-UE u ċ-Ċina twaqqfet fl-2007. It-tnejn li huma jiltaqgħu regolament u x-xogħol tagħhom għe rikonoxxut fis-summits annwali. Fil-livell tas-soċjetà ċivili, il-Kumitat għandu kuntatt mal-Kumitat Ekonomiċi u Soċjali tal-Korea t'Isfel u tat-Tajlandja permezz ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili (IAESCSI).

11.5 Il-Kumitat lest li jipprovdi l-għajnuna tiegħu sabiex jiġu organizzati laqgħat konsultattivi tas-soċjetà ċivili fuq livell reġjonali, dwar in-negozjati tal-kummerċ. F'dan ir-rwol, huwa jista' juża' d-diversi kuntatti reġjonali li għandu u l-esperjenza li kiseb matul il-monitarġġ tan-negozjati ta' l-EPA. Il-KESE jipproponi li jorganizza workshops jew laqgħat regolari oħra sabiex permezz tagħhom jiġu kkonsultati l-gruppi ta' interess ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati anki permezz ta' round tables. F'dawn il-laqgħat jiġu mistiedna n-negozjaturi ta' l-UE (u l-kontrapartijiet tagħhom) sabiex jirrappurtaw dwar l-istat tan-negozjati u sabiex jirċievu feedback mingħand ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili kemm mill-Ewropa u kemm minn pajjiżi terzi. Il-Kumitat jista' jkompli jibni fuq l-attivitajiet tal-KE billi jiffaċilita

l-parteeipazzjoni tar-rappreżentanti Ewropej u tal-pajjiżi terzi fil-proċess ta' l-Istimi ta' l-Impatt tas-Sostenibbiltà u billi jipprovdu aċċess elettroniku dirett lill-kuntatti tas-soċjetà ċivili kollha tiegħu fil-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati.

11.6 Il-Kumitat jeħtieġ li joqgħod attent għall-korpi u l-proċeduri li jintużaw għall-monitoraġġ ta' kwistjonijiet sensitivi dwar l-iżvilupp sostenibbli. Huwa jħoss li d-djalogu bilaterali għandu jinbena fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-mekkaniżmi li nħolqu skond is-27 konvenzjoni li ssemmev f'punt 5.8. Id-djalogu bilaterali jrid jinbena wkoll fuq l-osservazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll fuq analiżi ta' l-informazzjoni u l-valutazzjonijiet non-finanzjarji speċifiċi għal kull pajjiż li pprova l-Bank Dinji jew li pprovdew aġenziji oħra tar-rating. Is-soċjetà ċivili għandha twettaq stima preliminarja tad-diversi mekkaniżmi ta' segwitu kkonċernati.

11.7 Speċifikament għall-Korea, il-Kumitat jissuġġerixxi li jintużaw ir-rapporti ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), b'mod partikolari għall-moratorju ffirmat ma' l-imsieħba soċjali sa l-2010.

11.8 Min-naħa tagħhom, il-kumpaniji, bħala inizjattiva ta' żvilupp sostenibbli, jistgħu, fuq bażi volontarja, jużaw ir-responsabbiltà soċjali korporattiva biex jgħinu l-implimentazzjoni ta' l-impenji soċjali u ambjentali li jagħmlu parti mil-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ. Approċċ bħal dan huwa bbażat fuq madwar ħamsin ftehim ta' qafas internazzjonali li saru ma' kumpaniji prinċipali, ħafna minnhom Ewropej. Dawn il-kumpaniji qegħdin jippromovu x-xogħol deċenti permezz ta' l-eżempju ta' djalogu soċjali li qed ixerrdu permezz tas-sussidjarji tagħhom fil-pajjiżi msieħba. Permezz t'hekk qegħdin jiġbdu lejhom ukoll il-ħaddiema lokali u mħarrġa. Meta l-kumpaniji multinazzjonali, jew is-sussidjarji tagħhom f'settur partikolari, jidħlu għal impenji ta' responsabbiltà soċjali korporattiva huma jkunu qed iħeġġu wkoll lil dawk li jagħmlu parti mill-katina sħiħa ta' valur (il-fornituri u s-sottokuntratturi), b'mod partikolari fl-ekonomiji l-ġodda bħaċ-Ċina. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-kwistjoni tat-tikkettar soċjali u ambjentali ssir parti mill-aġenda tal-kumitat tal-monitoraġġ tal-ftehim tal-kummerċ sabiex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni ta' l-ogħla kwalità u sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tat-traċċabilità.

Brussell, it-22 ta' April 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS